IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.12.2013
COM(2013) 919 final

ANNEXES 1 to 4

ANNESSI

mal-Proposta

għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja minn impjanti medji tal-kombustjoni

ANNESSI

mal-Proposta

għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja minn impjanti medji tal-kombustjoni

ANNESS I

L-informazzjoni li trid tiġi nnotifikata mill-operatur lill-awtorità kompetenti

1. Il-kapaċità termika kklassifikata (MW) tal-impjant tal-kombustjoni medju;

2. It-tip ta' impjant tal-kombustjoni medju;

3. It-tip u l-proporzjonijiet ta' fjuwils użati skont il-kategoriji tal-fjuwils stabbiliti fl-Anness II;

4. Id-data ta' meta beda jitħaddem l-impjant tal-kombustjoni medju;

5. Is-settur tal-attività tal-impjant tal-kombustjoni medju, jew il-faċilità fejn jintuża (il-kodiċi NACE);

6. L-għadd ta' sigħat ta' tħaddim tal-impjant tal-kombustjoni medju mistennija, u l-kapaċità medja li tintuża;

7. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet applikabbli, flimkien ma' dikjarazzjoni ffirmata mill-operatur li se jħaddem l-impjant skont dawn il-valuri, mid-data rilevanti stipulata fl-Artikolu 5 'l quddiem;

8. Jekk jintuża s-sottoparagrafu tal-Artikolu 5(2), dikjarazzjoni ffirmata mill-operatur li mhuwiex se jħaddem l-impjant aktar minn 300 siegħa fis-sena;

9. L-isem u l-uffiċċju rreġistrat tal-operatur u, fil-każ ta' impjanti tal-kombustjoni medji stazzjonarji, l-indirizz ta' fejn jinsab l-impjant.

ANNESS II

Il-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1)

Il-valuri limitu tal-emissjonijiet kollha stipulati f'dan l-Anness huma ddefiniti f'temperatura ta' 273,15 K, pressjoni ta' 101,3 kPa u wara l-korrezzjoni għall-kontenut ta' fwar tal-ilma fil-gassijiet ta' skart u b'kontenut ta' O_2 standardizzat ta' 6% għall-impjanti tal-kombustjoni li jużaw fjuwils solidi, 3% għall-impjanti tal-kombustjoni li mhumiex magni u turbini tal-gass li jużaw fjuwils likwidi u f'forma ta' gass, u 15% għall-magni u għat-turbini tal-gass.

Parti 1

Valuri limitu tal-emissjonijiet għall-impjanti tal-kombustjoni medji eżistenti

1. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm³) għall-impjanti tal-kombustjoni medji li mhumiex magni u turbini tal-gass

Sustanza li tniġġes	Bijomassa solida	Fjuwils solidi oħrajn	Fjuwils likwidi li mhumiex żejt tqil	Żejt tqil użat bħala fjuwil	Gass naturali	Fjuwils forma ta' gass li mhumiex gass naturali
SO_2	200	400	170	350	-	35
NO_X	650	650	200	650	200	250
Materja partikolata	30(1)	30	30	30	-	-

([1]) 45 mg/Nm³ għal pjanti b'input termali ta' inqas jew daqs il-5MW

2. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm³) għall-magni u t-turbini tal-gass

Sustanza li tniġġes	Tip ta' installazzjoni	Fjuwils likwidi	Gass naturali	Fjuwils forma ta' gass li mhumiex gass naturali
SO_2	Magni u turbini tal-gass	60	-	15
NO_X	Magni	190 ([1])	190 ([2])	190 ([2])
	Turbini tal-gass([3])	200	150	200
Materja partikolata	Magni u turbini tal-gass	10	-	-

([1]) 1850 mg/Nm³ fil-każijiet li ġejjin:

(i) għall-magni tad-diżil li bdew jinbnew qabel it-18 ta' Mejju 2006;

(ii) għall-magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwils, issettjati għal fjuwil likwidu.

([2]) 380 mg/Nm³ għall-magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwils, issettjati għal fjuwil gass.

([3]) Il-valuri limitu tal-emissjonijiet huma applikabbli biss għal kapaċità ogħla minn 70%.

Parti 2

Valuri limitu tal-emissjonijiet għall-impjanti tal-kombustjoni medji ġodda

1. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm³) għall-impjanti tal-kombustjoni medji li mhumiex magni u turbini tal-gass

Sustanza li tniġġes	Bijomassa solida	Fjuwils solidi oħrajn	Fjuwils likwidi li mhumiex żejt tqil	Żejt tqil użat bħala fjuwil	Gass naturali	Fjuwils forma ta' gass li mhumiex gass naturali

SO_2	200	400	170	350	-	35
NO_X	300	300	200	300	100	200
Materja partikolata	1.1. 20 (1)	20	20	20	-	-

(1) 25 mg/Nm^3 għal pjanti b'input termali ta' inqas jew daqs il-5MW

2. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm³) għall-magni u t-turbini tal-gass

Sustanza li tniġġes	Tip ta' installazzjoni	Fjuwils likwidi	Gass naturali	Fjuwils forma ta' gass li mhumiex gass naturali
SO_2	Magni u turbini tal-gass	60	-	15
NO_X	Magni	190 ([1])	95 ([2])	190
	Turbini tal-gass([3])	75	50	75
Materja partikolata	Magni u turbini tal-gass	10	-	-

([1]) 225 mg/Nm³ għall-magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwils, issettjati għal fjuwil likwidu.

([2]) 190 mg/Nm³ għall-magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwils, issettjati għal fjuwil gass.

([3]) Il-valuri limitu tal-emissjonijiet huma applikabbli biss għal kapaċità ogħla minn 70%.

ANNESS III

Valuri referenzjarji għal valuri limitu tal-emissjonijiet aktar stretti msemmijin fl-Artikolu 5(4)

Il-valuri limitu tal-emissjonijiet kollha stipulati f'dan l-Anness huma ddefiniti f'temperatura ta' 273,15 K, pressjoni ta' 101,3 kPa u wara l-korrezzjoni għall-kontenut ta' fwar tal-ilma fil-gassijiet ta' skart u b'kontenut ta' O_2 standardizzat ta' 6% għall-impjanti tal-kombustjoni li jużaw fjuwils solidi, 3% għall-impjanti tal-kombustjoni li mhumiex magni u turbini tal-gass li jużaw fjuwils likwidi u f'forma ta' gass, u 15% għall-magni u għat-turbini tal-gass.

Il-valuri referenzjarji għall-valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm³) għall-impjanti tal-kombustjoni medji li mhumiex magni u turbini tal-gass

Sustanza li tniġġes	Kapaċità termali kklassifikata' (MW)	Bijomassa solida	Fjuwils solidi oħrajn	Fjuwils likwidi	Gass naturali	Fjuwils forma ta' gass li mhumiex gass naturali
NO_X	1 - 5	200	100	120	70	120
	> 5 - 50	145	100	120	70	120
Materja partikolata	1 - 5	10	10	10	-	-
	> 5 - 50	5	5	5	-	-

Valuri referenzjarji għall-valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm³) għall-magni u t-turbini tal-gass

Sustanza li tniġġes	Tip ta' installazzjoni	Fjuwils likwidi	Gass naturali	Fjuwils forma ta' gass li mhumiex gass naturali
NO_X	Magni	150	35	35
	Turbini tal-gass([1])	50	20	50

([1]) Il-valur referenzjarju huwa applikabbli biss għal kapaċità ogħla minn 70%.

ANNESS IV

Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet

1. Se jkun meħtieġ il-kejl perjodiku ta' SO_2, NO_x u materja partikolari mill-inqas darba kull tliet snin għall-impjanti tal-kombustjoni medji li għandhom kapaċità termali kklassifikata li hi ogħla minn 1MW u inqas minn 20 MW, u mill-inqas darba fis-sena għall-impjanti tal-kombustjoni medji b'kapaċità termali ugwali għal 20 MW jew ogħla iżda inqas minn 50 MW.

2. Il-kejl huwa meħtieġ biss għal sustanzi li jniġġsu li għandhom valur limitu tal-emissjonijiet stipulat fl-Anness II għall-impjant ikkonċernat.

3. L-ewwel kejl għandu jitwettaq fl-ewwel tliet xhur wara li l-impjant jiġi rreġistrat.

4. Bħala alternattiva għall-kejl tal-emissjonijiet tal-SO_2 imsemmi fil-punt 1, jistgħu jintużaw proċeduri oħra li jkunu ġew ivverifikati u approvati mill-awtorità kompetenti biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet tal-SO_2.

5. It-teħid ta' kampjuni u l-analiżi tas-sustanzi li jniġġsu u l-kejl tal-parametri tal-proċessi, kif ukoll kull alternattiva li tintuża kif imsemmi fil-punt 4, għandhom jitwettqu skont l-istandards tas-CEN. Jekk l-istandards tas-CEN ma jkunux disponibbli, għandhom jintużaw l-istandards tal-ISO, jew standards nazzjonali jew internazzjonali oħrajn li jiżguraw li tingħata dejta ta' kwalità xjentifika ekwivalenti.